ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

3) Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-15 ta' Diċembru 2011 — Il-Kummissjoni vs Franza

(Kawża C-624/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 168, 171, 193, 194, 204 u 214 — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi l-obbligu għall-bejjiegħ jew għall-fornitur stabbilit barra t-territorju nazzjonali li jaħtar rappreżentant fiskali u li jirreġistra għall-VAT f'dak l-Istat Membru — Leġiżlazzjoni li tippermetti tpaċija bejn il-VAT dedużibbli mħallsa mill-bejjiegħ jew mill-fornitur stabbilit barra t-territorju nazzjonali u dik miġbura minnu f'isem u għan-nom tal-klijenti tiegħu"

Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Persuni taxxabbli — Derogi għas-sistema nazzjonali ta' awtolikwidazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-obbligu, għall-bejjiegħ jew għall-fornitur stabbilit barra t-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, li jaħtar rappreżentant fiskali u li jirreġistra għat-taxxa fuq il-valur miżjud fl-Istat Membru inkwistjoni — Leġiżlazzjoni li barra minn hekk tawtorizza lill-imsemmi bejjiegħ jew fornitur ipaċi t-taxxa fuq il-valur miżjud dedużibbli mħallsa ma dik miġbura minnu f'isem u għan-nom tal-klijenti tiegħu — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikoli 168, 171, 193, 194, 204 u 214) (ara l-punti 39, 42, 46, 50)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 168, 171, 193, 194, 204 u 214 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi l-obbligu li jinħatar rappreżentant fiskali mill-bejjiegħ jew mill-fornitur stabbilit barra t-territorju nazzjonali — Obbligu li jirreġistra għall-VAT — Natura u portata tad-dritt għal tnaqqis.

Dispożittiv

1) Billi tipprovdi fit-Titolu IV tal-Istruzzjoni Amministrattiva 3 A-9-06 Nru 105, tat-23 ta' Ġunju 2006, konċessjoni amministrattiva li tidderoga mis-sistema ta' awtolikwidazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li tinvolvi l-ħatra ta' rappreżentant fiskali mill-bejjiegħ jew mill-fornitur stabbilit barra minn Franza, ir-reġistrazzjoni ta' dan tal-aħħar għat-taxxa fuq il-valur miżjud fi Franza u t-tpaċija bejn it-taxxa fuq il-valur miżjud deduċibbli li huwa ħallas u dik miġbura għan-nom u f'isem il-klijenti tiegħu, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u, b'mod partikolari, l-Artikoli 168, 171, 193, 194, 204 u 214 tagħha.

2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Diċembru 2011 — INNO vs Unie van Zelfstandige Ondernemers *et*

(Kawża C-126/11)

"L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Direttiva 2005/29/KE — Prattiki kummerċjali żleali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi r-reklami li jħabbru tnaqqis fil-prezz u dawk li jalludu għal tali tnaqqis"